**<u>Notifikazzjonijiet bl-SMS minn MDH (Mater Dei Hospital)</u>**

Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva qed ikompli jtejjeb is-sigurtà u t-trasparenza fis-Sistema tal-Isptar. Bħala parti minn dan, se nibagħtu aġġornamenti permezz ta’ notifiki SMS lin-numri tal-mowbajl irreġistrati fis-sistema amministrattiva tal-pazjenti talisptar (CPAS).

L-SMS jidher bħala **MDH** fuq it-telefon tar-riċevitur.

Il-proċess ser isir f’żewġ fażijiet:

## 1. NOTIFIKA SMS DARBA BISS FL-2025

Mill-24 ta’ Frar 2025, MDH se jibgħat SMS wieħed lil kull numru tal-mowbajl irreġistrat fisSistema tal-Isptar, li fiha jinnotifika d-dettalji tal-individwu. L-SMS mingħand MDH se ikun fih hekk:

**"Notifiki SMS għall-appuntamenti ta’ Mater Dei għal *John Doe ID 9999999M* ser jintbagħtu fuq dan in-numru. Jekk m’intix ir-riċevitur tajjeb jew għandek xi mistoqsijiet, ikkuntattjana fuq e-mail: pmioffice.health@gov.mt jew żur** <u>kuntatt</u>**”**

Dan l-SMS se jintbagħat lill-pubbliku fi gruppi, skont id-data tat-twelid tal-pazjenti kif irreġistrata fis-Sistema tal-Isptar.

Dan l-SMS se jintbagħat lil kull numru tal-mowbajl irreġistrat fis-Sistema tal-Isptar. Jekk ir-riċevitur ma jixtieqx jirċievi notifiki bl-SMS, jikkuntattjana fuq: **pmioffice.health@gov.mt** jew żur <u>kuntatt</u>

Individwi li għandhom e-ID jistgħu jilloggjaw u jagħmlu talba biex jaġġornaw iddettalji tagħhom billi jżuru <u>Detailupdate.mdh.gov.mt</u>

**2. BIDLIET FIL-DETTALJI PERSONALI**

Mill-1 ta' Marzu 2025, kull meta jsir tibdil fid-dettalji tal-pazjent fis-Sistema tal-Isptar (numru tal-mowbajl, isem, indirizz jew l-istatus tan-notifiki bl-SMS jinbidel ON/OFF), irriċevitur se jirċievi notifika bl-SMS fuq in-numru tal-mowbajl irreġistrat. It-kliem tal-SMS minn MDH se jkun kif ġej:

**Wara li jsir tibdil fin-numru tat-telefon**

"Għażiż *John Doe*, dan huwa biex ninfurmawk li dan in-numru ta' kuntatt ġie aġġornat għal *ID 9999999M* fis-sistemi IT tal-isptar tagħna. Jekk għandek bżonn aktar għajnuna, jekk jogħġbok ikkuntattjana fuq **pmioffice.health@gov.mt** jew żur kuntatt"

**Wara li n-notifiki bl-SMS jiġu attivati (ON)**

"Għażiż *John Doe*, dan huwa biex ninfurmawk li n-numru ta' kuntatt tiegħek ġie ssettjat biex jirċievi notifiki mediċi mis-sistemi IT tal-isptar tagħna għal ID *9999999M*. Jekk għandek bżonn aktar għajnuna, jekk jogħġbok ikkuntattjana fuq **pmioffice.health@gov.mt** jew żur kuntatt"

**Wara li n-notifiki bl-SMS jiġu diżattivati (OFF)**

"Għażiż *John Doe*, dan huwa biex ninfurmawk li n-numru ta' kuntatt tiegħek ġie ssettjat biex ma jibqax jirċievi notifiki mediċi għal ID *9999999M*. Jekk għandek bżonn aktar għajnuna, jekk jogħġbok ikkuntattjana fuq **pmioffice.health@gov.mt** jew żur kuntatt"

**Wara tibdil fl-isem tal-pazjent**

"Din hija notifika għal *John Doe* li l-isem/kunjom ġie aġġornat għal individwu b'ID *9999999M*. Jekk għandek bżonn aktar għajnuna, jekk jogħġbok ikkuntattjana fuq **pmioffice.health@gov.mt** jew żur kuntatt"

**Wara tibdil fl-indirizz tal-pazjent**

"Din hija notifika għal *John Doe* li l-indirizz personali ġie aġġornat għal 1 Triq id-Donaturi tad-Demm, l-Imsida għal individwu b'ID *9999999M*. Jekk għandek bżonn aktar għajnuna, jekk jogħġbok ikkuntattjana fuq **pmioffice.health@gov.mt** jew żur kuntatt"

**Meta l-utent jitlob tibdil fid-dettalji, isir proċess ta' verifika u d-dettalji li jaqgħu f'dawn il-kategoriji imsemmija jiġu aġġornati.**

**Individwi li għandhom e-ID jistgħu jidħlu jitolbu sabiex jiġu aħħornati d-dettalji tagħhom fis-Sistema tal-Isptar billi jżuru** Detailupdate.mdh.gov.mt